# Iskrizzjonijiet Antiki marbuta ma' San Ġorġ Megalomartri

Fr Charles Buttigieg



San Ġorġ Prinċep tal-Martri twieled f'Lidda fir-reġjun ta' Efrajm (ismijiet oħra huma Lydea, Lud, Darom, Diospolis, Georgiopolis), illum Lod qrib Tel Aviv, madwar is-sena 275 W.K. Huwa ħa l-martirju fit-23 t'April tas-sena 303 f'età żagħżugħa fi żmien il-persekuzzjonijiet Rumani taħt l-imperatur Djokleżjanu (284-305 A.D.) li ried jeqred is-suldati Nsara. L-isem bil-grieg 'georgios' ifisser 'ħaddiem tal-art' u ġej minn żewġ kelmiet Griegi: 'ge' li tfisser 'art' u 'ergon' li tfisser 'xogħol'. San Ġorġ kien verament ħaddiem fil-għalqa tal-Mulej u saqqa din l-art b'demmu stess bil-martirju. L-isem tiegħu għandu wkoll affinità mal-akkadiku, mal-kelma 'gurl' tfisser 'persuna erojka'. Missieru Gerontius kien Grieg Kristjan mill-Kappadoċja u kien uffiċjal tal-armata Rumana eżattament kien 'chiliaches' kmandant fuq elf suldat. San Ġorġ laħaq bħal missieru uffiċjal għoli tal-armata Rumana. Ommu kienet Nisranija u kien jisimha Polikronja minn Lidda li bħala armla rabbiet lil San Ġorġ bi mħabba speċjali. Waqt il-martirju tiegħu huwa wettaq diversi mirakli 'fantasmagories' fosthom il-konverżjoni tal-imperatriċi Alessandra l-mara ta' Djokleżjanu. San Pietru Damiani jikteb: "Skont it-tifsira ta' ismu, Ġorġi kien ħadem l-art ta' ħajtu bil-qawwa tal-grazzja, li permezz tagħha kienu nibtu fil-ħajja tiegħu virtujiet mill-isbaħ". San Indrija ta' Kreta jikteb: "b'idejh bħal bidwi tajjeb ħadem u ġabar għas-Sid ħafna frott fi żmienu. Bil-moħriet tal-virtù u ta' ħajja ħlewwa mexa fir-radda tat-triq tas-sewwa, hekk li stħaqqlu s-saltna ta' sema. Żera' fid-dmugħ, u bil-ferħ ġabar il-ħsad. Żera' fin-niket u ferħan ġarr il-qatet. Fuq art maħduma tajjeb, l-Ispirtu s-Santu niżżel spiss ix-xita hekk li kabbar il-ħaxix, ħasad il-fidi, fi żmienu. Għalqa ta' fwieħa liema bħalha, miżgħuda bil-ward ta' għemejjel tajba, li joħorġu minnhom bħal għasel bnin, li jfejqu r-ruħ."

F'innu antik Grieg iddedikat lil San Ġorġ insibu diversi titli Griegi marbuta ma' dan il-kbir qaddis martri, fejn l-ewwel u fuq kollox insibu l-famuż titlu u isem li tagħti l-Knisja tal-Lvant lil San Ġorġ: 'Tropaiofore Megalomartus Georgie', 'Trijonfanti Megalomartri San Ġorġ'. Dan l-innu jkompli jgħid li San Ġorġ huwa: 'Aichmaloton eleutherotes', 'Ħellies tal-priġunieri', 'Ptochon uperaspistes', 'Difensur tal-foqra', 'Asthenounton iatros', Tabib tal-Morda, u 'Basileon upermachos', 'Avukat tar-Rejiet'.

Insibu iskrizzjoni antika marbuta ma' San Ġorġ tas-sena 323 (20 sena biss wara l-martirju) f'Shaqqa u għalhekk eqdem mill-iskrizzjoni tas-sena 368 ta' Eraclea ta' Bataneja. Insibu iskrizzjoni Griega tas-sena 553 A.D. b'talba lil San Ġorġ martri f'Mu'Allak qrib Beroia jew Aleppo u Chalkis fis-Sirja ta' fuq. Iskrizzjoni Griega dwar maqdes (bil-Grieg: naos) iddedikat lil San Ġorġ tas-seklu 7 W.K. instabet ġewwa Kapra bejn Bostra u Mhushannaf fil-Ġordan. Iskrizzjoni Griega tas-6 seklu W.K. bl-isem ta' San Ġorġ instabet ġewwa El-Hit qrib Maximianopolis jew Sakkaia fil-pjanura ta' Hawran. Iskrizzjoni ta' talba lil San Ġorġ biex ibierek lill-benefatturi, instabet f'Sahwet el-Khodr qrib Bostra u hija tas-6 u s-7 seklu W.K. Iskrizzjoni Griega f'mużajk b'rabta ma' San Ġorġ instabet f'Sheikh Bader (Illum Givat Ram) f'Ġerusalemm. Insibu ittra bil-Latin tas-sena 590 A.D. tal-Papa Girgor il-Kbir li bagħat lill-Isqof Ġwanni ta' Orvieto fejn isemmi monasteru ddedikat lil San Ġorġ. Insibu ittra oħra bil-Latin tal-istess Papa li bagħat lil Stiefnu dwar monasteru ddedikat lil San Ġorġ fi Sqallija u ittra oħra bil-Latin li bagħat lill-abbati Marianus fi Sqallija ssemmi knisja ddedikata lil San Ġorġ fi Sqallija. Iskrizzjoni Griega f'mużajk tas-sena 762 A.D. dwar knisja ddedikata lil San Ġorġ instabet f'Ramot bejn Ġerusalemm u Emmaws. Insibu wkoll irċevuta Griega tas-6 jew s-7 seklu W.K. f'Arsinoiton Polis jew Fayum fl-Eġittu dwar xiri ta' lampi marbuta ma' istituzzjoni ddedikata lil San Ġorġ.

Dawn l-iskrizzjonijiet antiki u diversi oħra marbuta ma' dan il-kbir qaddis tagħna San Ġorġ juri kemm l-Insara li għaddew mill-esperjenza tal-persekuzzjonijiet u matul is-snin kellhom sa mill-bidu nett qima speċjali lejn San Ġorġ rebbieħ fuq is-setgħat tal-ħażen.

## Biblijografija


Christo, G.G., "Martyrdom according to John Chrysostom: 'To live is Christ, to die is gain'", in *Journal of Early Christian Studies* 7 (1999) 173-174.

Fang, S. – Hodges, K., "Saint George, Islam and regional audiences in Sir Gawain and the Green Knight", in *Studies in the Age of Chaucer*, 32 (2010) 257-294.

Kefetzopoulou, A., *The Purple Mantle*, California 2001.

Mihalarias, S., "A crusader painting of St. George: 'maniera greca' or 'lingua franca'?, in *The Burlington Magazine* (March 1984) 132-141.

Walter, C., "The origins of the cult of Saint George", in *Revue des Etudes Byzantines* 53 (1995) 295-336.

Whatley, G. E. – Thompson, A.E. – Upchurch, R.K., *The Martyrdom of St. George in the South English Legendary (1270-80): Introduction*, Kalamazoo (MI) 2004.